l-Unjoni Ewropea

n.1 | 03/2023

# Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali

## IL-BULLETTIN

**In-network "Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali" qiegħed jagħmel passi notevoli biex iġib l-UE eqreb taċ-ċittadini tagħha. Dan huwa mmexxi minn għan ambizzjuż: li joħloq network Ewropew ta' politiċi eletti lokalment li jikkomunikaw mal-Unjoni Ewropea. Is-sħubija tippermetti lill-politiċi lokali jikkomunikaw dwar kwistjonijiet tal-UE li jħassbu lill-kostitwenti tagħhom fil-livell lokali grazzi għal aċċess privileġġat għall-istituzzjonijiet tal-UE.**

**Mijiet ta' rappreżentanti eletti (ta' villaġġi, bliet, reġjuni u livelli oħrajn ta' gvern lokali) diġà rrispondew għall-istedina tal-Kummissjoni Ewropea biex jieħdu sehem f'din l-alleanza, pass eqreb lejn il-ħolqien ta' sfera pubblika Ewropea.**

- **420** Membri s'issa
- **210** reġistrazzjonijiet fuq il-pjattaforma Futurium
- **110** reġjuni koperti
- **25** awtoritajiet intermedji li jikkoordinaw
- **L-Italja, Spanja u l-Portugall** Pajjiżi l-aktar rappreżentati

## L-aħħar żviluppi

**Mappa interattiva** ta' membri u sħab turi l-firxa tan-network. Mill-pajjiżi li qegħdin fuq quddiem nett - l-Italja, Spanja u l-Portugall, li għandhom l-akbar numru ta' rappreżentanti s'issa, il-membri u s-sħab huma mifruxa madwar l-UE - mill-Gżejjer Kanarji sal-Latvja!

230 muniċipalità diġà rċevew il-pjanċa tal-metall u l-kit tas-sħubija; 93 **membru mill-Italja, minn Spanja u mill-Portugall ingħaqdu mal-ewwel tliet sessjonijiet ta' merħba f'Diċembru 2022**, li huma maħsuba biex jintroduċu l-attivitajiet, il-benefiċċji u l-għodod tan-network, u l-aktar importanti, biex jiltaqgħu mal-komunità tal-proġett. Sal-aħħar ta' Marzu 2023, l-ewwel tliet gruppi se jkunu **mistiedna fi Brussell** għal żjara gl-Istituzzjonijiet Ewropej.

I-Unjoni Ewropea

## Tip ta' Awtorità Lokali




## Daqs tal-popolazzjoni




### Avvenimenti promozzjonali

In-network Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali tnieda bis-saħħa ta' għadd ta' avvenimenti pubbliċi fl-2022, bħall-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet, l-iSmart Cities Expo World Congress f'Barċellona, u s-Salon des Maires f'Pariġi, biex insemmu ftit. Aktar avvenimenti fl-2023 se jżommu n-network fiċ-ċentru tal-attenzjoni.

### Materjal promozzjonali online

Il-membri huma attivi wkoll online: is-sit web uffiċjali huwa mimli b'**materjal ta' komunikazzjoni** li ġie ddawnlowdjat mijiet ta' drabi u se jintuża biex jikkomunika l-proġett. Dan jinkludi banners lesti biex jintużaw, test u viżwali għal Facebook, LinkedIn u Twitter fil-lingwi kollha.

### Niltaqgħu mal-komunità tal-proġett

Il-komunità qed tikber b'rata mgħaġġla bis-saħħa ta' **Futurium**, il-pjattaforma online fejn il-kunsilliera jistgħu jinteraġixxu ma' xulxin, jaċċessaw materjal uffiċjali tal-UE ta' interess dirett għalihom, jippowstjaw dwar l-aħjar prattiki tagħhom fil-komunikazzjoni tal-UE fil-livell lokali, u ħafna aktar. 200 kunsillier diġà ħolqu profil fuq Futurium u jippowstjaw fuq il-pjattaforma. Il-pjattaforma hija wkoll kondiviża man-Network ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Municipalità ta' Capizzone

## X'se jiggwadanjaw il-membri tan-network?

Li tgħin lill-membri ta' network pan-Ewropew jikkomunikaw dwar l-UE ma ssirx waħedha. Wieħed irid ikun jaf l-udjenza tiegħu, jitkellem il-lingwa tagħha, kif joffri l-appoġġ xieraq... u min hu f'pożizzjoni aħjar biex jagħmel dan minn politiku lokali? Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tistieden lill-membri kollha biex jirrispondu **stħarriġ speċifiku** u jidentifikaw l-aktar suġġetti sensittivi rilevanti għall-kostitwenza tagħhom.

Minn dak il-pass kruċjali 'il quddiem, għadd ta' servizzi huma offruti lill-membri kollha, minn materjal relatat mal-UE lest biex jintuża, għal webinars jew żjarat fi Brussell dwar dawk is-suġġetti lokali identifikati - dejjem fil-lingwa tal-membri kkonċernati! Għadd ta' **materjali ppakkjati mill-ġdid** qed ikunu magħmulin disponibbli progressivament fil-Librerija virtwali s'issa, bħal dak fornut dwar il-kriżi tal-enerġija; dawn huma kollha mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi espressi mill-membri.

Ibqa' aġġornat: aktar webinars ta' merħba, żjarat fi Brussell u sessjonijiet ta' informazzjoni online bbażat fuq suġġetti tal-UE se jaslu fl-2023!

**Għalfejn il-BELC?**

L-idea fundamentali hija li l-komunikazzjoni tal-UE hija responsabbiltà kondiviża mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-**Istati Membri fil-livelli kollha**, inkluż il-livell lokali, li jitlob alleanza mingħajr preċedent mal-livell lokali ta' governanza.

Sies fundamentali ieħor ġie stabbilit fl-2022 mill-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, fejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-għeluq kienu jinkludu sejħa ċara biex jiġi stabbilit network ta' kunsilliera lokali(**il-proposta 36, il-punt 6**).

Il-kunsilliera li jingħaqdu man-netwerk "Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali"  huma l-elementi fundamentali ta' governanza Ewropew magħmula minn istituzzjonijiet, komunitajiet lokali u ċ-ċittadini li dalwaqt se jkunu qed jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej fl-2024.

## Ir-rokna tal-membri

Jekk mhux diġà għamilt hekk, **irreġistra ma' Futurium hawnhekk**.

Bħala membri tan-network, il-pjattaforma Futurium hija tagħkom! Hemmhekk tista' taqsam kif tittratta suġġetti tal-UE fi ħdan il-kostitwenza tiegħek, tippowstja ritratti tal-avvenimenti tiegħek li jinkludu materjal ta' komunikazzjoni tan-netwerk "Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali"  tagħna, taqsam ideat.

Uża l-lingwa tiegħek, it-traduzzjoni awtomatika se tgħinek tinteraġixxi mal-oħrajn.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok żur is-sit web ta' **Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali**, ikkonsulta l-**FAQs** jew ikkuntattjana fuq **info@eu-councillors.eu**